PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Abbozz ta' rapport
tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
dwar id-delegazzjoni fid-Danimarka

RAPPORTEUR: Is-Sinjura Martine ROURE

Introduzzjoni – Kuntest taż-żjara

Delegazzjoni ta' sitt deputati Ewropej waslet fid-Danimarka, fejn magħha żdiedu żewġ deputati Daniżi tal-Parlament Ewropew li kienu diġà hemm (ara l-lista tal-parteċipanti – Anness 1). Ippresieda s-Sur Panayiotis DEMETRIOU (PPE-DE) u r-rapporteur kienet is-Sinjura Martine ROURE (PSE). Iż-żjara seħħet fl-10 u fil-11 ta' April 2008.

Iż-żjara fid-Danimarka seħħet fil-kuntest ta' serje ta' żjarat li saru mill-membri tal-Kumitat LIBE sabiex josservaw personalment il-kondizzjonijiet fiċ-ċentri ta' akkoljenza ta' l-immigranti u dawk li jfittxu l-ażil fi Stati Membri differenti ta' l-Unjoni Ewropea. Iż-żjara fid-Danimarka saret wara li ntbagħtu delegazzjonijiet simili fl-Italja (f'Lampedusa), fi Spanja (f'Ceuta u f'Melilla, fil-gżejjer Kanarji), fi Franza (f'Pariġi), f'Malta, fil-Greċja (f'Samos u f'Ateni), fil-Belġju, fir-Renju Unit, fl-Olanda u fil-Polonja.

L-għan ta' dawn iż-żjarat kollha kien li jinġabar tagħrif, li tiġi vverifikata direttament is-sitwazzjoni dwar l-akkoljenza ta' l-immigranti u dawk li jfittxu l-ażil u li nifhmu l-mod ta' kif bosta Direttivi u Regolamenti Ewropej huma implimentati:

- Direttiva 2003/9/KE tal-Kunsill, tas-27 ta' Jannar 2003, li tistabbilixxi standards minimi għall-akkoljenza ta' dawk li jfittxu l-ażil fl-Istati Membri[1] (Direttiva ta' akkoljenza)
- Direttiva 2005/85/KE tal-Kunsill, ta' l-1 ta' Diċembru 2005, dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar ta' l-istatus ta' rifuġjat[2] (Direttiva ta' proċedura)
- Regolament (KE) Nru 343/2003 tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina

[1] *Ġurnal uffiċjali L 031, 06/02/2003 P. 0018 – 0025*
[2] *Ġurnal Uffiċjali L 326, 13/12/2005 P. 0013 – 0034*

applikazzjoni għall-ażil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz[1] (Regolament Dublin II)

Dawn iż-żjarat kellhom ukoll l-għan li jseħħ skambju ta' opinjonijiet ma' l-awtoritajiet governattivi u mar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili.

Il-membri tal-Kumitat LIBE xtaqu jibgħatu delegazzjoni fid-Danimarka sabiex jifhmu aħjar is-sitwazzjoni li tirrigwarda l-akkoljenza ta' l-immigranti u dawk li jfittxu l-ażil f'dan il-pajjiż. Il-membri tad-delegazzjoni madankollu huma konxji mill-fatt li s-sitwazzjoni **tad-Danimarka, rigward il-kwestjonijiet ta' l-immigrazzjoni u l-ażil, hija differenti minn dik ta' Stati Membri oħra.**

Skond il-protokoll dwar id-Danimarka, anness mat-Trattat ta' Amsterdam, id-Danimarka tipparteċipa biss f'dawk il-miżuri, ibbażati fuq it-Titolu IV tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jwasslu għall-politika ta' l-għoti tal-viżi[2].

B'konformità ma' l-Artikoli 1 u 2 tal-protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, **id-Danimarka ma tipparteċipax** fl-adozzjoni u fl-implimentazzjoni ta' l-istrumenti li ġejjin:

- Direttiva 2003/9/KE tal-Kunsill, tas-27 ta' Jannar 2003, li tistabbilixxi standards minimi għall-akkoljenza ta' dawk li jfittxu l-ażil fl-Istati Membri[3] **(Direttiva ta' akkoljenza)**
- Direttiva 2005/85/KE tal-Kunsill, ta' l-1 ta' Diċembru 2005, dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar ta' l-istatus ta' rifuġjat[4] **(Direttiva ta' proċedura)**

Rigward ir-Regolamenti Eurodac[5] u Dublin II[6], kien hemm il-ħtieġa li jitħejja ftehim internazzjonali bejn il-Komunità Ewropea u d-Danimarka[7] kif ukoll protokoll għall-ftehim bejn il-Komunità Ewropea, l-Iżlanda u n-Norveġja[8] [9], sabiex id-Danimarka tkun tista' tipparteċipa. Sa mill-2006, **id-Danimarka hija rregolata mir-Regolamenti Dublin II u Eurodac** fil-kuntest tar-relazzjonijiet tagħha mal-Komunità Ewropea, min-naħa l-waħda, u ma' l-Iżlanda u n-Norveġja, min-naħa l-oħra, iżda ma tippratteċipax f'miżuri oħra adottati fil-

---

[1] *Ġurnal Uffiċjali L 050, 25/02/2003 P. 0001 - 0010*

[2] Skond l-Artikolu 7 tal-protokoll, x'ħin trid id-Danimarka tista' tirtira mill-protokoll dwar id-Danimarka anness mat-Trattat ta' Amsterdam u tipparteċipa fil-miżuri kollha mniżżla fit-Titolu IV tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea

[3] *Ġurnal uffiċjali L 031, 06/02/2003 P. 0018 – 0025*

[4] *Ġurnal Uffiċjali L 326, 13/12/2005 P. 0013 – 0034*

[5] Regolament (KE) Nru 2725/2000 tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2000.

[6] Regolament (KE) Nru 343/2003 tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz[6] (Regolament Dublin II)

[7] KUMM(2004)594 finali.

[8] KUMM(2005)131 finali.

[9] Il-Parlament Ewropew ħareġ opinjoni dwar id-Deċizjoni Nru 2006/188/KE tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2006 dwar il-konklużjoni tal-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka, filwaqt li estenda lid-Danimarka d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) 343/2003/KE tal-Kunsill li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz, u tar-Regolament (KE) Nru 2725/2000/KE tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Eurodac għat-tqabbil ta' marki tas-swaba għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin.
Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern kien responsabbli mit-tħejjija ta' din l-opinjoni. Il-Kumitat adotta r-rapport imħejji minn Martine ROURE: approvazzjoni tal-ftehim propost fil-kuntest tal-proċedura ta' konsultazzjoni.

livell Ewropew rigward il-politika komuni dwar il-kwestjoni ta' l-ażil.

Programm tad-delegazzjoni

Iż-żjara kkonċentrat fuq tliet ċentri:

- iċ-ċentru ta' dawk li jitolbu l-ażil li jinstab f'Sandholm (ċentru ta' akkoljenza miftuħ immexxi mill-Għaqda tas-Salib l-Aħmar fid-Danimarka)
- iċ-ċentru ta' detenzjoni għall-immigranti f'Sandholm (l-uniku ċentru ta' detenzjoni fid-Danimarka, li jaqa' taħt ir-responsabiltà tal-Ministeru tal-Ġustizzja)
- iċ-ċentru ta' Kongelunden (ċentru ta' akkoljenza miftuħ immexxi mill-Għaqda tas-Salib l-Aħmar fid-Danimarka)

F'ordni kronoloġika, il-programm tad-delegazzjoni kien jinkorpora wkoll:

- Laqgħa ma' l-organizzazzjonijiet u ma' l-NGOs attivi fil-kwestjoni ta' l-immigrazzjoni u l-ażil fid-Danimarka, fejn xi wħud minnhom irrikorrew għand il-Kumitat LIBE fl-2006 (l-10 ta' April 2008);
- Żjara qasira fil-kwartieri ta' l-Għaqda tas-Salib l-Aħmar f'Kopenħagen;
- Laqgħa mas-Segretarju Permanenti ta' l-Istat tal-Ministeru għar-Rifuġjati, l-Immigrazzjoni u l-Integrazzjoni, is-Sur Claes NILAS.

Qabel ma waslet fid-Danimarka, id-delegazzjoni rċeviet kwantità sostanzjali ta' tagħrif mingħand organizzazzjonijiet bħal pereżempju *SOS Against Racism Denmark*, *Amnesty International* – sezzjoni Daniża u *Grandparents for asylum*, u tixtieq tirringrazzjahom minn qalbha.

Id-delegazzjoni kienet akkumpanjata mis-servizz awdjo-viżiv tal-Parlament Ewropew, li ħadem flimkien ma' kru televiżiv lokali, u ma' fotografu. L-idea kienet li din l-attività tiġi ppreżentata permezz tal-*Europe by Satellite (EbS)*. Iż-żjara kienet irrapportata b'mod eċċellenti min-naħa ta' l-istampa. Il-ġurnalisti, il-fotografu u l-kru televiżiv kellhom aċċess għaċ-ċentri miftuħa. Id-deputati Ewropej taw konferenza stampa fl-aħħar jum taż-żjara, nhar it-3 ta' April 2008.

Laqgħa ma' l-NGOs

Fl-ewwel jum, id-delegazzjoni ltaqgħet mar-rappreżentanti ta' l-NGOs li jmorru jżuru ċ-ċentri fuq bażi regolari u/jew li huma attivi fil-qasam ta' l-ażil jew ta' l-immigrazzjoni (ara Anness 3). L-NGOs kienu organizzati ħafna u qassmu t-taħditiet bejniethom sabiex kull waħda minnhom tippreżenta aspett prinċipali tat-tħassib tagħhom dwar il-politika Daniża rigward l-ażil u l-immigrazzjoni. F'din il-preżentazzjoni kien hemm ukoll ix-xhieda ta' mara u ta' persuna minorenni li qegħdin jgħixu fiċ-ċentru ta' Sandholm.

L-NGOs bdew billi ppreżentaw l-appell li kienu għamlu lill-Kumitat LIBE sabiex tintbagħat delegazzjoni fuq żjara ta' dawn iċ-ċentri Daniżi għal dawk li jitolbu l-ażil. Fil-fatt, l-organizzazzjonijiet qalu li fl-opinjoni tagħhom il-gvern ma jismagħhomx u jisperaw li dan jisma' l-kummenti ta' delegazzjoni tal-Parlament Ewropew. Huma qiesu li ċerti aspetti tal-liġi Daniża dwar l-ażil imorru kontra l-impenji internazzjonali tagħhom favur il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem bħalma huma l-prinċipji tan-non-diskriminazzjoni u tal-ħarsien tad-

dinjità umana stabbiliti fil-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

L-NGOs imbagħad tkellmu dwar il-problemi li ġejjin:

- In-numru ta' domandi għall-ażil qiegħed jonqos madwar l-Ewropa kollha. U minkejja t-tradizzjonijiet simili bejn żewġ pajjiżi bħalma huma d-Danimarka u l-Iżvezja, id-Danimarka aċċettat ftit rifuġjati meta mqabbla ma' l-Iżvezja. L-NGOs għarrfu li d-Danimarka u l-Greċja taw l-anqas ħarsien lill-Iraqin fl-Ewropa.

- Sa mill-2002, wieħed osserva li l-liġi Daniża dwar l-ażil saret iżjed stretta, partikolarment permezz tat-**tneħħija ta' l-istatus ta' rifuġjat "de facto"** (simili għall-protezzjoni sussidjarja fil-livell Ewropew). L-NGOs kritikaw il-fatt li d-Danimarka għandha interpretazzjoni ristretta ħafna tad-definizzjoni ta' rifuġjat fl-Artikolu 1A tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra ta' l-1951 u fl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Ir-riżultat ta' din l-interpretazzjoni ristrettiva huwa li iżjed ma jgħaddi ż-żmien iżjed qed isir diffiċli li wieħed jakkwista l-istatus ta' rifuġjat fid-Danimarka. Pereżempju, il-maġġoranza ta' l-Iraqqini ma jingħatalhomx l-istatus ta' rifuġjat. Ċerti persuni ma jingħatalhomx l-istatus ta' rifuġjat iżda fl-istess ħin ma jistgħux jintbagħtu lura pajjiżhom skond il-prinċipji internazzjonali ta' *non refoulement* u tal-protezzjoni kontra r-riskji kollha ta' tortura jew ta' trattament inuman jew degradanti b'mod indirett. Dan ifisser li huma "tollerati" iżda m'għandhom l-ebda status legali. Dawn il-persuni jsibu ruħhom fi spazju ġuridiku assolut u mingħajr status legali huma ma jistgħux jgħixu barra miċ-ċentri ta' akkoljenza mmexxija mill-Għaqda tas-Salib l-Aħmar u ma jistgħux jaħdmu legalment. Għalhekk huma jqattgħu numru ta' snin, kultant anki għexieren ta' snin, f'din is-sitwazzjoni ta' inċertezza ġuridika. Dan il-perijodu ta' stennija twil ħafna u din l-inċertezza dwar l-istatus ġuridiku tagħhom jew dwar il-ġejjieni hija kawża ta' niket kbir. L-NGOs iqisu li din il-prattika għandha l-għan li taqta' qalb dawk in-nies li potenzjalment ser jitolbu l-ażil milli jiġu d-Danimarka.
  Mara Iraqqina li ilha tgħix f'Sandhom għal dawn l-aħħar 3 snin tat ix-xhieda tagħha. Fl-2005 hija telqet mill-Iraq flimkien ma' bintha ta' 10 snin sabiex terġa' tingħaqad ma' żewġha fid-Danimarka. Wara li d-domanda tagħha ġiet irrifjutata darba, l-amministrazzjoni aċċettat li terġa' teżamina l-każ tagħha. Hija tat ix-xhieda tat-tensjoni u tan-nervi li huma kkaġunati minn din l-inċertezza, u tal-frustrazzjoni li ma tistax taħdem.

- Il-persuni li rċevew risposta negattiva għall-applikazzjoni tagħhom għall-ażil u li jirrifjutaw li jitilqu minn jeddhom huma soġġetti għal "**miżuri ta' motivazzjoni**" sabiex jiġu mħeġġa jerġgħu lura f'pajjiżhom minn jeddhom. Dawn il-miżuri jikkonsistu fit-tneħħija ta' l-għoti ta' flus fil-but għal spejjeż żgħar (*pocket money)*; jingħataw biss flus għall-ikel, bl-obbligu li wieħed imur għand il-pulizija darbtejn fil-ġimgħa. Wara ftit ġimgħat, dawk il-persuni jintbagħtu f'ċentri ta' deportazzjoni u jistgħu jintbagħtu wkoll f'ċentru ta' detenzjoni. Fil-passat dawn il-miżuri ta' motivazzjoni kienu jkunu magħmula wkoll mill-fatt li wieħed ma kienx ikun jista' jsajjar l-ikel tiegħu stess u l-obbligu li wieħed jiekol fil-kantin taċ-ċentru ta' akkoljenza; illum il-ġurnata dan m'għadux iseħħ. L-NGOs jinsabu mħassbin dwar dan it-trasferiment tad-deċiżjoni ta' ritorn min-naħa ta' l-Istat Membru lil dawk li jitolbu l-ażil. Fil-fatt jidher li m'huwiex aċċettabbli l-fatt li minħabba li l-Istat ma jistax ikeċċi dawn il-persuni skond il-liġi internazzjonali, huwa jpoġġihom f'sitwazzjoni prekarja bl-għan li jġegħelhom imorru lura, volontarjament, fil-pajjiż fejn huma kien qed jiġu mhedda.

- Il-bord tar-rifuġjati, responsabbli mill-eżami ta' l-applikazzjonijiet għall-ażil, m'għandux l-istess kompetenzi ta' qorti normali. Jista' jieħu biss deċiżjonijiet finali li kontrihom ma seta' jkun hemm l-ebda possibilità ta' appell. B'riżultat ta' dan, hawnhekk tiġi kkawżata **problema sabiex jiġi żgurat aċċess effettiv għall-ġustizzja** lil dawk li jfittxu l-ażil. Barra minn hekk, il-bord tar-rifuġjati huwa magħmul biss minn tliet persuni (b'kuntrast mas-seba' persuni li kien hemm fil-passat): imħallef, rappreżentant ta' l-assoċjazzjoni ta' l-avukati u rappreżentant tal-ministeru kompetenti. M'hemmx il-possibiltà li wieħed jirrikorri għal medjatur biex jappella kontra d-deċiżjoni.

- Nosservaw numru sostanzjali ta' **mard psikjatriku** fost dawk li jitolbu l-ażil fid-Danimarka minħabba l-fatt li dawn iqattgħu żmien twil wisq fiċ-ċentri ta' akkoljenza u minħabba f'bosta snin ta' inċertezza ġuridika u mingħajr l-ebda forma ta' protezzjoni. Permessi temporanji ta' residenza jingħataw biss f'każ ta' dipressjoni qawwija u barra minn hekk għandhom jiġġeddu regolarment. Il-każ tat-tfal huwa partikolarment problematiku minħabba li s-sofferenza tagħhom tkun doppja f'din is-sitwazzjoni: l-iżvilupp tagħhom huwa influwenzat mill-mard psikjatriku tal-ġenituri tagħhom; u huma stess jiżviluppaw mard psikjatriku li jaffettwalhom l-edukazzjoni tagħhom. Fil-fatt, xi tfal ta' dawk li jfittxu l-ażil ippruvaw jikkommettu suwiċidju fid-Danimarka. Tajjeb li ngħidu li ftit huma dawk it-tfal li jkunu jistgħu jmorru għand psikjatra u xi whud minnhom ikunu affettwati wisq biex ikunu jistgħu joħorġu miċ-ċentru ta' akkoljenza. L-unika soluzzjoni sabiex naffaċċjaw din is-sitwazzjoni hija li jiġi mniedi programm ta' rijabilitazzjoni fuq skala kbira li jkun possibbli biss jekk dawn il-persuni jkollhom permess permanenti ta' residenza fid-Danimarka.

- **Aċċess għal edukazzjoni normali**: l-edukazzjoni tat-tfal li jgħixu fiċ-ċentri ta' akkoljenza hija f'idejn l-Għaqda tas-Salib l-Aħmar u l-awtoritajiet tal-post. Minn 200 tifel u tifla, huma biss 85 li għandhom aċċess għal edukazzjoni normali fl-iskejjel Daniżi, filwaqt li 115 minnhom imorru fi skejjel taċ-Ċentru mmexxija mill-Għaqda tas-Salib l-Aħmar. F'dawn l-iskejjel it-tfal jinqasmu fi gruppi ta' 12-il student b'massimu ta' differenza ta' tliet snin bejniethom. M'huwiex faċli li jiġu żgurati standards normali ta' edukazzjoni u ta' progress akkademiku peress li t-tfal ibiddlu regolarment il-klassi, talanqas 6 darbiet. Barra minn hekk, it-tfal m'humiex awtorizzati jagħmlu l-eżami finali u għaldaqstant ma jiksbu l-ebda ċertifikat. Għalhekk, jekk huma jmorru lura f'pajjiżhom, huma ma jkollhom l-ebda ċertifikat u, jekk jibqgħu fid-Danimarka, ma jkollhomx id-dritt għal edukazzjoni ogħla. Sabiex ikollhom id-dritt għal edukazzjoni normali fi skola Daniża, iridu jsiru negozjati għal kull każ individwali ma' l-awtoritajiet tal-post, li jistgħu jirrifjutaw. Wara l-età ta' sbatax-il sena, l-edukazzjoni tkun limitata ħafna. Tfajla li tgħix f'Sandholm titkellem dwar l-effett negattiv li dan kellu fuq l-edukazzjoni tagħha stess, issibha diffiċli biex tiftakar il-lingwa ta' pajjiżha iżda wkoll biex titgħallem id-Daniż u l-Ingliż.

- Dawk li jfittxu l-ażil **ta' spiss jiġu spostati minn ċentru għall-ieħor** (ċentru ta' akkoljenza, ċentru ta' residenza, ċentru ta' tluq u ċentri speċjalizzati għal persuni vulnerabbli) minħabba li hemm inqas ċentri fejn jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet ta' dawk li jfittxu l-ażil, minħabba tnaqqis fl-għadd ta' dawk li jfittxu l-żil u sabiex jiġu ffrankati l-ispejjeż. Dan jikkawża problemi ta' integrazzjoni u ta' monitoraġġ adegwat tal-każijiet kif ukoll ta' l-edukazzjoni għat-tfal. L-NGOs huma ta' l-opinjoni li b'din il-prattika, il-gvern jixtieq jesponi lill-persuni kkonċernati għal sitwazzjoni stressanti sabiex iħeġġiġhom jerġgħu lura pajjiżhom volontarjament.

- **Detenzjoni**: fi żmien iż-żjara kien hemm 83 persuna detenuta, u 22 minnhom kienu qed ifittxuażil, għal żewġ raġunijiet: nuqqas ta' koperazzjoni għall-identifikazzjoni u riskju li jaħarbu minħabba fi tkeċċija. Kwart tal-persuni detenuti dalwaqt jiġu trasferiti lejn Dublin, u nofshom dalwaqt jitkeċċew. L-NGOs ma jaqblux mal-prattika użata min-naħa ta' l-awtoritajiet f'ċerti każijiet, jiġifieri li jżommu detenut il-kap tal-familja bl-uniku skop ikun li jibblokkaw il-familja kollha.

- **Aċċess għax-xogħol:** fin-nuqqas ta' status ġuridiku, dawk li jfittxu l-ażil u l-persuni tollerati ma jistgħux jaħdmu. Xi whud jistgħu jintalbu jaħdmu fiċ-ċentru ta' akkoljenza stess. Xi whud jaħdmu mingħajr il-ktieb tax-xogħol. Dawn jistgħu jirriskjaw li jiġu deportati immedjatament u li jkunu projbiti milli jitħallew jerġgħu jidħlu fil-pajjiż għal sena sħiħa minħabba li jkunu ħadmu mingħajr ktieb tax-xogħol.

- **Aċċess għat-traduzzjoni u għall-interpretar** m'huwiex dejjem garantit minħabba li d-diskussjonijiet m'humiex tradotti. Barra minn hekk, ma kienx meħtieġ li l-interpreti jkollhom kwalifiki formali fil-lingwa partikulari.

- **Għajbien tat-tfal li jisfaw vittmi tal-kummerċ tal-bnedmin**: matul it-trasferiment tat-tfal skond ir-Regolament Dublin II xi whud mit-tfal jispiċċaw jintbagħtu fi Stati Membri fejn hemm it-traffikanti b'riżultat li dawn jgħibu. L-assoċjazzjonijiet jippruvaw iżommu traċċa tat-tfal u rrapportaw din is-sitwazzjoni lill-Kumitat għad-Drittijiet tat-Tfal, iżda n-numru ta' tfal li qegħdin jgħibu qed ikompli jiżdied. L-assoċjazzjonijiet jitolbu li jsir rikors għall-klawsola ta' solidarjetà tar-Regolament għal dawn it-tfal sabiex jiġi żgurat l-aħjar interess tagħhom.

- Hemm **nuqqas ta' statistiki** dwar il-persuni minorenni li ma jkunux akkumpanjati.

- Id-Danimarka tiddisponi minn **ftehimiet ta' rijammissjoni** ma' bosta pajjiżi ta' oriġini minbarra ma' l-Iraq u mas-Somalja.

Żjarat fiċ-ċentri

Iċ-Ċentru ta' akkoljenza ta' dawk li jfittxu l-ażil f'Sandholm[1]

Hekk kif waslet fiċ-ċentru, id-delegazzjoni ntlaqgħet mill-assoċjazzjoni *Grandparents for Asylum* lebsin kollha kemm huma bl-istil ta' traġedja Griega. Din l-assoċjazzjoni ilha tagħmel din il-manifestazzjoni kull nhar ta' Ħadd fid-daħla taċ-ċentru ta' Sandholm għal iktar minn 6 xhur sabiex tipprotesta kontra l-inċertezza li jinsbu fiha l-familji f'Sandholm.

Iċ-ċentru ta' akkoljenza ta' dawk li jfittxu l-ażil f'Sandholm huwa l-ikbar ċentru fid-Danimarka u huwa wkoll il-post li fih jintbagħtu dawk kollha li jfittxu l-żil hekk kif jaslu għall-ewwel darba fid-Danimarka.

Persuna li tfittex l-żil li minn rajha titfa' applikazzjoni bil-miktub tintbagħat fiċ-ċentru ta' residenza f'Sandholm fejn tiġi rreġistrata u tingħata residenza.

Barra minn hekk, dawk li jfittxu l-żil li ma jiġux irrifjutati fil-fruntiera jitpoġġew f'ċentru ta'

[1] Iċ-Ċentru ta' Dansk Røde Kors, Sandholm

residenza f'Sandholm, fejn il-pulizija tinterrogahom, teħdilhom ir-ritratt u l-marki tas-swaba sabiex tiddetermina l-identità u n-nazzjonalità tagħhom u t-traġitt li jkunu għamlu.

Iċ-ċentru jitmexxa mill-Għaqda tas-Salib l-Aħmar fid-Danimarka u jaqa' f'idejn il-Ministeru għar-Rifuġjati, l-Immigrazzjoni u l-Integrazzjoni.

L-Għaqda tas-Salib l-Aħmar ilha responsabbli għall-amministrazzjoni taċ-ċentri miftuħa sa mill-1994. Iċ-ċentru jinsab 25 kilometru lejn it-Tramuntana ta' Kopenħagen, fil-kwartieri militari antiki.

Mal-wasla tagħhom, il-persuni jkollhom laqgħa ta' informazzjoni u eżami tas-saħħa. Dawk in-nies li jkun għadhom kif waslu jibqgħu talanqas xahrejn f'Sandholm qabel ma jiġu trasferiti f'ċentri oħra sakemm l-applikazzjoni tagħhom tiġi pproċessata. Id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għall-ażil għandha tittieħed fi żmien 9 xhur. Dawk li jfittxu l-ażil jistgħu jgħixu fiċ-ċentri sakemm l-applikazzjoni tagħhom tiġi pproċessata. Jingħata ċertu tagħlim bażiku tal-lingwa Daniża lill-adulti.

Sandholm huwa wkoll ċentru ta' tluq għal dawk in-nies li ma jingħatalhomx l-ażil u li huma soġġetti għall-miżuri ta' motivazzjoni.

Iċ-ċentru għandu ċentru ta' saħħa/klinika, ħanut tal-ħwejjeġ, ċentru għax-xogħol, ħanut ta' affarijiet użati (*second-hand*), londri, ċentru għat-tfal, kamra fejn tista' ssir il-ħjata, u sala għall-festini.

In-nies għandhom il-libertà li jidħlu u joħorġu miċ-ċentru. Iċ-ċentru huwa miftuħ għaż-żjarat ta' persuni minn barra jekk dawn ikunu ġew mistiedna minn resident. L-assoċjazzjonijiet għandhom aċċess liberu u regolari għaċ-ċentru. L-NGOs għandhom relazzjonijiet tajbin mar-residenti.

Il-familji jgħixu f'bangalows żgħar ħafna magħmulin minn materjal prefabbrikat. Kull bangalow għandu daħla għalih u minn kamra sa tnejn għal kull familja. L-irġiel li ma jkunux miżżewġin jitpoġġew fi kmamar iżgħar li jaqsmu ma' persuna sa tlieta oħra. Ġeneralment, il-kondizzjonijiet huma tajbin, sakemm il-persuni li jkunu qed jgħixu fihom jibqgħu hemm għal żmien limitat – madankollu ċ-ċentru ma kienx maħsub biex in-nies li jkunu fih jibqgħu hemm għal bosta snin.

It-tfal jirċievu l-edukazzjoni fl-iskejjel ta' l-Għaqda tas-Salib l-Aħmar. Fiċ-ċentru hemm kindergarten, filwaqt li l-iskola tinsab 5km 'il bogħod miċ-ċentru u t-tfal jistgħu jaslu hemm permezz tal-karozza tal-linja. Xi tfal imorru fl-iskola muniċipali lokali wara li jkunu ilhom jgħixu f'Sandholm għal bosta snin.

Il-familji li ltaqgħet magħhom id-delegazzjoni matul din iż-żjara ilhom jgħixu f'Sandholm għal bosta snin, għal madwar 5 jew 6 snin. Dawn huma persuni "tollerati". Kollha kemm huma esprimew il-frustrazzjoni tagħhom li ilhom jgħixu daqshekk fit-tul fiċ-ċentru u lmentaw dwar l-inċertezza li jgħixu fiha. Id-delegazzjoni ltaqgħet ma' familja li għandha tfajla b'diżabiltà u trawmatizzata u li la l-ġenituri tagħha u lanqas l-assoċjazzjonijiet ma kienu qegħdin jagħtuha l-kura adegwata.

Iċ-Ċentru ta' detenzjoni għall-immigranti f'Sandholm

Iċ-ċentru ta' detenzjoni għall-immigranti f'Sandholm huwa l-uniku ċentru ta' detenzjoni fid-Danimarka. Id-delegazzjoni kellha ċ-ċans li żżur biss ċerti partijiet taċ-ċentru peress li l-awtoritajiet ġew infurmati b'din iż-żjara tard wisq. Fi Frar 2008, il-Kunsill ta' l-Ewropa żar dan iċ-ċentru.

Iċ-ċentru ta' detenzjoni jista' jospita 118-il persuna u huwa mmexxi mill-Ministeru għall-Ġustizzja. Fil-jum taż-żjara 55 persuna ta' 25 nazzjonalità differenti kienu detenuti f'dan iċ-ċentru. L-immigranti u dawk li jfittxu l-ażil ma jistgħux jinżammu detenuti fil-ħabsijiet.

Id-detenuti huma dawk in-nies li applikaw għall-ażil u li l-applikazzjoni tagħhom ma ntlaqgħetx, li huma soġġetti għal ordni ta' espulsjoni u jippreżentaw riskji kbar meta jirreżistu l-proċeduri ta' espulsjoni. Huma jibqgħu detenuti sakemm ir-ritorn tagħhom jiġi organizzat. M'hemm l-ebda perijodu massimu ta' detenzjoni. Bħalissa l-perijodu medju huwa ta' 42 jum[1]. Matul iż-żjara, l-awtoritajiet inkarigati mill-amministrazzjoni taċ-ċentru wrew li l-perijodu ta' detenzjoni jista' jvarja ħafna, minn bosta ġranet sa bosta xhur, il-perijodu medju ta' detenzjoni huwa ta' tlett ijiem. 25 persuna waslet qabel Jannar 2008, u dawn huma detenuti minħabba f'inċertezza dwar l-identità tagħhom, jew għax ma rrispettawx l-obbligu tagħhom li jiddistingwu ruħhom.

Ġeneralment, il-kondizzjonijiet huma relattivament aċċettabbli. Id-detenuti m'humiex maqfulin fil-kmamar tagħhom u għandhom aċċess għal bitħa interna żgħira għal ċertu ammont ta' sigħat kuljum.

Tabib huwa preżenti fiċ-ċentru 15-il siegħa fil-ġimgħa u 2 infermiera huma preżenti l-ħin kollu fuq bażi *full-time*.

L-irġiel u n-nisa joqgħodu f'sezzjonijiet separati. Is-sezzjoni tan-nisa tesa' 20 post, u fiha kien hemm 6 nisa matul iż-żjara. In-nisa m'humiex maqfulin fil-kmamar tagħhom u jistgħu joħorġu f'kamra li hija tip ta' salott. Jistgħu joħorġu barra għal ftit sigħat kuljum. Żewġ nisa tkellmu mad-delegazzjoni matul iż-żjara. L-ewwel waħda kienet tqila u kienet soġġetta għal miżura ta' espulsjoni minkejja l-fatt li missier it-tarbija tagħha, ta' nazzjonalità differenti minn tagħha, kien ser jibqa' d-Danimarka. It-tieni waħda, mill-Ukraina u li ilha tgħix illegalment fid-Danimarka għal dawn l-aħħar snin, kienet detenuta minkejja l-fatt li binha u t-tifel tiegħu għandhom nazzjonalità Daniża.

Id-detenuti għandhom aċċess għal sala tal-ġinnastika. L-awtoritajiet urew il-vantaġġi ta' din is-sala sabiex id-detenuti jkunu jistgħu jiżvugaw il-frustrazzjoni tagħhom (minħabba l-proċedura ta' espulsjoni tagħhom jew l-inċertezza dwar il-ġejjieni tagħhom) billi jipprattikaw xi sport.

Iċ-Ċentru ta' Kongelunden

Iċ-ċentru ta' Kongelunden huwa ċentru miftuħ immexxi mill-Għaqda tas-Salib l-Aħmar fid-Danimarka. Huwa ċentru ta' kuri speċjali għal dawk li jfittxu l-ażil li għandhom bżonn trattament addizzjonali għal kuri pprovduti lil dawk kollha li jfittxu l-ażil. Dan l-aħħar xahar, iċ-ċentru qed jilqa' ommijiet waħedhom akkumpanjati minn uliedhom ta' età żgħira ħafna. Preċedentement, kien hemm ċentru speċifikament għan-nisa f'Kopenħagen, iżda dan kellu

[1] Studju rrakkomandat mid-dipartiment politiku C tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tal-Parlament Ewropew, f'Diċembru 2007

jagħlaq.

Iċ-ċentru għandu 150 post għal kuri speċjali u 100 post normali.
Iċ-ċentru jinsab fil-viċinanza ta' l-ajruport ta' Kopenħagen.

In-nisa waħedhom bit-tfal jitpoġġew f'bangalows separati li fihom kmamar individwali għal kull omm b'uliedha, u kċina komuni. Id-delegazzjoni żaret xi bangalows ġodda li jinsabu f'kondizzjoni tajba ħafna. Il-familji (dawk b'żewġ ġenituri) għandhom żewġt ikmamar bi kmamar tal-banju separati.

Fiċ-ċentru hemm skola għall-adulti, ċentru għal-logħob, ċentru għat-tfal, kafetterija, garaxx għar-roti u *workshop* fejn jista' jinħadem l-injam. Fiċ-ċentru hemm ċentru ta' kura speċjalizzata fejn jaħdmu tobba u psikjatri fuq bażi *full-time*. In-nies jistgħu jintbagħtu lejn iċ-ċentru speċjalizzat tas-saħħa mis-Servizz Daniż ta' l-Immigrazzjoni jekk:

- il-ġenituri għandhom marda mentali li ma tħallihomx jieħdu ħsieb uliedhom;
- il-familji li jinsabu f'risjku imminenti ta' negliġenza tat-tfal;
- iż-żgħażagħ (bejn it-18 u l-24 sena) b'mard psikjatriku;
- in-nies b'diżbiltajiet fiżiċi li għandhom bżonn ta' kura regolari u speċifika jew ta' rijabilitazzjoni li ma jistgħux jiġu pprovduti f'ċentru ieħor;
- in-nies bi problemi fiżiċi li m'humiex kapaċi jsegwu trattament, li jżommu l-iġjene personali tagħhom jew li ma jistgħux jieħdu ħsieb tagħhom infushom waħedhom;
- in-nies b'mard mentali u li għandhom diżabiltajiet serji;
- dawk li ġew ittorturati u li b'riżultat ta' dan għandhom diżbiltà serja.

L-iżjed gruppi importanti milqugħin f'Kongelunden huma l-familji u l-persuni b'mard mentali li għandhom bżonn il-kura. Il-perijodu li jqattgħu fiċ-ċentru huwa ta' madwar 3 snin. Iċ-ċentru jenfasizza fuq il-benesseri tat-tfal.

5. Laqgħa mas-Sur Claes NILAS, Segretarju Permanenti tal-Ministeru għar-Rifuġjati, l-Immigrazzjoni u l-Integrazzjoni

Id-delegazzjoni jiddispjaċiha li ma kellhiex l-opportunità li tiltaqa' mal-Ministru Birthe Rønn Hornbech personalment. Nixtiequ nenfasizzaw li din hija l-ewwel darba li delegazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet ma ltaqatx mal-ministru inkarigat mill-ażil u l-immigrazzjoni jew mas-Segretarju ta' l-Istat.

Is-Sur Nilas fakkar is-sitwazzjoni partikolari tad-Danimarka li ma tipparteċipax fit-Titolu IV tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (TKE) u b'hekk ma timplimentax id-Direttivi dwar il-kondizzjonijiet ta' akkoljenza u dwar il-proċeduri. Skond ftehim internazzjonali li sar ma' l-Unjoni Ewropea, id-Danimarka tipparteċipa fir-Regolament dwar Dublin II u Eurodac.
In-numru ta' dawk li jfittxu l-ażil qiegħed jonqos fid-Danimarka. Iċ-ċentru ta' Sandholm jilqa' dawk li jfittxu l-ażil hekk kif jaslu fid-Danimarka, imbagħad dawn jintbagħtu fiċ-ċentri ta' residenza. Hemm diversi tipi ta' ċentri fid-Danimarka, fosthom ċentri speċjalizzati għat-tfal, għal nisa waħedhom, jew għal dawk in-nies li għandhom problemi ta' saħħa.
Is-servizzi ta' immigrazzjoni huma responsabbli milli jeżaminaw l-applikazzjoni għall-ażil. Jekk applikazzjoni tiġi rrifjutata, allura din tintbagħat quddiem il-bord tar-rifuġjati, magħmul minn imħallef u minn żewġ membri oħra li jistgħu jerġgħu jeżaminaw l-applikazzjoni. Is-sistema hija indipendenti. Il-proċess ta' l-applikazzjoni jieħu madwar 7/8 xhur.
Il-kondizzjonijiet tal-ħajja tjiebu b'mod konsiderevoli matul dawn l-aħħar snin. Il-familji li ilhom id-Danimarka llum il-ġurnata għandhom il-possibiltà li jgħixu f'appartamenti barra miċ-ċentri ta' akkoljenza.

Kollox ma' kollox, id-deputati tad-delegazzjoni dehru sodisfatti mill-kondizzjonijiet materjali ta' akkoljenza fiċ-ċentri. Madankollu ressqu xi tħassib: rigward il-perijodu ta' residenza fiċ-ċentri ta' akkoljenza, in-nuqqas ta' rikonoxximent ta' status ġuridiku minkejja l-fatt li ċerti persuni ma jistgħux jintbagħtu lura f'pajjiżhom skond il-liġi internazzjonali, dwar il-kwestjoni tat-tfal taħt l-età li jgħibu matul trasferiment skond ir-Regolament Dublin II, dwar il-benefiċċji li d-Danimarka tidentifika sabiex iżżomm *opt-out* tat-Titolu IV TKE meta tipparteċipa f'Schengen, dwar ir-raġunijiet ta' kif inhu mqassam il-bord tar-rifuġjati bi 3 persuni biss, dwar il-possibiltà mogħtija lill-familji li jgħixu barra miċ-ċentri, dwar l-effiċjenza tal-miżuri ta' akkumpanjament, u dwar il-kunflitt eventwali bejn il-ġenituri u t-tfal hekk kif dawn ma jibqgħux jifhmu l-lingwa ta' pajjiżhom minħabba li jkunu ilhom jgħixu għal numru ta' snin fid-Danimarka.

B'risposta għal dan, is-Sur Nilas spjega:
- id-deċiżjonijiet dwar jekk għandux jingħata jew le permess ta' residenza jittieħdu mis-servizz b'konformità mal-liġi Daniża. Il-persuni huma liberi li jitilqu mid-Danimarka volontarjament, iżda huma jirrifjutaw li jagħmlu dan fuq inizjattiva tagħhom stess, u huwa għalhekk li jkunu ilhom jgħixu għal bosta snin fid-Danimarka. Fil-parlament Daniż m'hemmx maġġoranza sabiex tiġi emendata l-liġi biex din is-sitwazzjoni tinstabilha soluzzjoni. Huwa propju għalhekk li hemm enfasi fuq il-kondizzjonijiet ta' akkoljenza u tal-ħajja;
- id-deċiżjoni li tinżamm l-*opt-out* hija deċiżjoni politika li hija f'idejn il-gvern;
- ftehimiet ta' rijammissjoni mal-pajjiżi ta' oriġini jippermettu r-ritorn f'kondizzjonijiet aċċettabbli; pereżempju dan huwa l-każ fl-Afganistan. Il-gvern Daniż jiddispjaċieh li għadu ma kellux il-possibiltà li jikkonkludi tali ftehimiet ma' l-Iraq u s-Somalja. Madankollu, ċerti persuni setgħu jintbagħtu lejn it-Tramuntana ta' l-Iraq;
- xi permessi ta' residenza setgħu jinħarġu għal raġuni umanitarja pereżempju għal persuni morda serjament;
- rigward l-implimentazzjoni tar-Regolament Dublin II, fl-2007 id-Danimarka aċċettat 78% ta' l-applikazzjonijiet ta' trasferiment li tressqu quddiemha. Id-Danimarka għandha l-għan li tgħaqqad mill-ġdid it-tfal taħt l-età li m'humiex akkumpanjati, mal-familji tagħhom fil-kuntest ta' Dublin II iżda kull każ jeħtieġ li jiġi stmat individwalment;
- l-istruttura tal-bord ta' rifuġjati tnaqqset għal tliet min-nies wara deċiżjoni b'maġġoranza assoluta mill-parlament Daniż sabiex id-deċiżjonijiet ikunu jistgħu jittieħdu mill-aktar fis;
- id-Danimarka tifhem id-dilemma tat-tfal ta' dawk li jfittxu l-ażil, u huwa propju għalhekk li tippproponi li din tgħallimhom il-lingwa ta' pajjiżhom sabiex huma jkunu jistgħu jmorru lura fil-pajjiż tal-ġenituri tagħhom;
- 1.9 miljun Ewro fis-sena jiġi allokat sabiex il-familji jkollhom il-possibiltà li jgħixu barra miċ-ċentri;
- l-edukazzjoni fl-iskejjel ta' l-Għaqda tas-Salib l-Aħmar hija ta' kwalità tajba u l-gvern jistabbilixxi ċerti standards obbligatorji ta' kwalità dwar il-programmi.

6. Konklużjonijiet tar-rapporteur

Ir-rapporteur tiddikjara li l-kondizzjonijiet ta' akkoljenza fiċ-ċentri Daniżi huma ġeneralment tajbin, grazzi għax-xogħol imwettaq mill-Għaqda tas-Salib l-Aħmar fid-Danimarka. L-isforzi tal-gvern li jtejjeb il-kondizzjonijiet ta' ħajja fiċ-ċentri wasslu għal riżultati konkreti. Ir-rapporteur tenfasizza madankollu li l-kondizzjonijiet ta' akkoljenza ma jistgħux jitqiesu tajbin ħlief jekk ir-residenza fiċ-ċentri tkun limitata għal żmien qasir. Id-delegazzjoni kienet imħassba ħafna dwar il-fatt li ċerti familji ilhom jgħixu f'dawn iċ-ċentri għal bosta snin, ġieli anki għal għexieren ta' snin. Għalhekk wieħed jista' jikkunsidra li wara żmien twil li wieħed

iqatta' fiċ-ċentri, il-kondizzjonijiet ta' akkoljenza ma jistgħux jibqgħu jiġu kkunsidrati bħala aċċettabbli. Għalhekk ma jistax jiġi meqjus li din il-politika hija suffiċjenti sabiex tiżgura d-dinjità tal-persuni kkonċernati.

Ir-rapporteur tenfasizza li r-rikors għal detenzjoni jidher li huwa limitat għal każijiet speċifiċi u f'kondizzjonijiet li jidhru li huma tajbin. Għaldaqstant, hija tinsab imħassba dwar il-fatt li m'hemmx perijodu massimu ta' detenzjoni, u dwar il-fatt li tfajla tqila tista' tkun soġġetta għal detenzjoni bi ħsieb li din titkeċċa.

L-istatus "tollerat" jikkawża problemi sinifikanti minħabba li fin-nuqqas ta' status ġuridiku ċar, dawn il-persuni jsibu ruħhom fi spazju ġuridiku li jipprojbilhom kull tip ta' integrazzjoni soċjali. Barra minn hekk, l-inċertezza ġuridika dwar il-ġejjieni tagħhom tikkawża tensjoni sinifikanti għal persuni kkonċernati li minn mument għall-ieħor jibżgħu li jitkeċċew lejn pajjiż fejn huma jkunu mhedda. Ir-rapporteur hija partikolarment imħassba dwar il-fatt li dak li jfittex protezzjoni internazzjonali jista' jkollu r-responsabiltà li jiddeċiedi dwar ir-ritorn tiegħu filwaqt li lanqas il-gvern stess ma jista' jieħu din id-deċiżjoni skond il-liġi internazzjonali. Jidher paradossali li wieħed iġiegħel lin-nies jerġgħu jmorru lura volontarjament f'pajjiż li fih lanqas id-Danimarka stess ma' tista' tibgħathom skond il-liġi internazzjonali u skond il-projbizzjoni ta' kull tip ta' trattament inuman jew degradanti b'mod indirett. Ir-rapporteur tfakkar lill-gvern Daniż sabiex jimplimenta status ġuridiku ċar għal dawn il-persuni, tip ta' protezzjoni sussidjarja, li jippermetti l-integrazzjoni tagħhom.

Ir-rapporteur hija partikolarment imħassba dwar is-sitwazzjoni ta' bosta Iraqqini li jinsabu fiċ-ċentri ta' akkoljenza Daniżi wara rifjut ta' l-applikazzjoni tagħhom għall-ażil. Dawn in-nies ilhom jgħixu għal bosta snin fid-Danimarka mingħajr ma ngħatalhom qatt l-istatus tagħhom u mingħajr l-ebda tip ta' protezzjoni. Hija tħeġġeġ lill-gvern Daniż sabiex iwessgħa l-politika attwali tiegħu dwar il-ftuħ mill-ġdid tal-każijiet ta' dawk l-Iraqqini kollha li applikaw għall-ażil u ma ngħatalhomx minħabba s-sitwazzjoni instabbli li teżisti attwalment fl-Iraq, u sabiex tingħatalhom forma ta' protezzjoni internazzjonali.

Fid-dawl ta' dawn l-elementi, ir-rapporteur hija ta' l-opinjoni li fil-ġejjieni d-Danimarka għandha tikkunsidra li tirrinunċja għall-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat ta' Amsterdam u b'hekk tipparteċipa fil-miżuri kollha li jirriżultaw mit-Titolu IV TKE[1]. Fil-fatt, ladarba d-Danimarka tagħmel parti miz-Zona Schengen u diġà tipparteċipa f'żewġ Direttivi eżistenti fil-qasam ta' l-Ażil, ikun tajjeb li kieku tkun tista' tipparteċipa fl-istrumenti Ewropej kollha fil-qasam ta' l-ażil sabiex tiżgura livell ta' protezzjoni li jkun ekwivalenti għal dak offrut fil-kumplament ta' l-Unjoni Ewropea.

[1] Skond l-Artikolu 7 tal-Protokoll, id-Danimarka dejjem għandha dan id-dritt.

Anness 1

ЕВРОПЕЙСКИ ПАРЛАМЕНТ PARLAMENTO EUROPEO EVROPSKÝ PARLAMENT EUROPA-PARLAMENTET
EUROPÄISCHES PARLAMENT EUROOPA PARLAMENT ΕΥΡΩΠΑΪΚΟ ΚΟΙΝΟΒΟΥΛΙΟ EUROPEAN PARLIAMENT
PARLEMENT EUROPÉEN PARLAIMINT NA hEORPA PARLAMENTO EUROPEO EIROPAS PARLAMENTS
EUROPOS PARLAMENTAS EURÓPAI PARLAMENT IL-PARLAMENT EWROPEW EUROPEES PARLEMENT
PARLAMENT EUROPEJSKI PARLAMENTO EUROPEU PARLAMENTUL EUROPEAN
EURÓPSKY PARLAMENT EVROPSKI PARLAMENT EUROOPAN PARLAMENTTI EUROPAPARLAMENTET

Parlament Ewropew
Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Delegazzjoni għad-Danimarka
L-10 u l-11 ta' April 2008

LISTA TA' PARTEĊIPANTI

Verżjoni 08.04.2008

MEMBRI TAL-PARLAMENT EWROPEW

Panayiotis DEMETRIOU (EPP-ED) (Kap tad-delegazzjoni)
Martine ROURE (PSE) (Rapporteur)

Edit BAUER (EPP-ED)
Frieda BREPOELS (EPP-ED)
Jeanine HENNIS-PLASSCHAERT (ALDE)
Metin KAZAK (ALDE)

Søren Bo SØNDERGAARD (GUE/NGL) (*hors quota*)
Britta THOMSEN (PSE) (*hors quota*)

ASSISTENTI TAL-MEMBRI

Pauline CHAIGNE (assistenta ta' Martine ROURE)

STAFF TAL-GRUPPI POLITIĊI

Annie LEMARCHAL (PES)
Anders RASMUSSEN (ALDE)
Christine SIDENIUS (Greens/EFA)
Michael SPEISER (EPP-ED)
Mette TONSBERG (GUE/NGL)

STAFF TAS-SEGRETARJAT TAL-KUMITAT GĦAL-LIBERTAJIET ĊIVILI, IL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

Ana DUMITRACHE (amministratur)
Vita GRIFITA (assistenta)

STAFF TAL-*WEB COMMUNICATION UNIT* TAL-PARLAMENT EWROPEW

Olav GADE

STAFF TAL-*EUROPE BY SATELLITE*

Maria Teresa CONESA ALCAZAR
Casper THORSØEJR (*cameraman*)
Leif MØLLER (*soundman*)

INTERPRETI

FR
Maurizio GASTALDI (IT - EN - ES - PT)
Joseph LEROY (DE - IT - NL - DA)

EN
Aoife KENNEDY (FR - DE - NL)
Aase PEERLESS (DE - IT - DA - SV - NO)

NL
Kristel SIMONS (FR - IT - EN - DA - PT)
Petra LAMBRECHTS (FR - EN - DA - MT)

DA
Line ANDERSSEN (DE - EN - HU)
Suzanne LARSSON (FR - NL - EN - SV) - *TEAM LEADER*

HU
Gyorgy MAJZIK (EN)
Eva VIGILD (DA - EN)

Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkuntattja lil

Ana DUMITRACHE
Parlament Ewropew
Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Tel: 0032 (0)2/28 41416
Faks: 00 32 (0)2/28 44941
E-mail ana.dumitrache@europarl.europa.eu

Anness 2

ЕВРОПЕЙСКИ ПАРЛАМЕНТ PARLAMENTO EUROPEO EVROPSKÝ PARLAMENT EUROPA-PARLAMENTET
EUROPÄISCHES PARLAMENT EUROOPA PARLAMENT ΕΥΡΩΠΑΪΚΟ ΚΟΙΝΟΒΟΥΛΙΟ EUROPEAN PARLIAMENT
PARLEMENT EUROPÉEN PARLAIMINT NA hEORPA PARLAMENTO EUROPEO EIROPAS PARLAMENTS
EUROPOS PARLAMENTAS EURÓPAI PARLAMENT IL-PARLAMENT EWROPEW EUROPEES PARLEMENT
PARLAMENT EUROPEJSKI PARLAMENTO EUROPEU PARLAMENTUL EUROPEAN
EURÓPSKY PARLAMENT EVROPSKI PARLAMENT EUROOPAN PARLAMENTTI EUROPAPARLAMENTET

Parlament Ewropew
Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Delegazzjoni għad-Danimarka
L-10 u l-11 ta' April 2008

Abbozz tal-programm

Verżjoni 08.04.2008

Il-Ħamis, l-10 ta' April 2008	
14:50 – 16:30	titjira *SN 2259* lejn Kopenħagen
16:30 – 17:30	transfer bil-kowċ lejn l-uffiċċju tal-Parlament Ewropew f'Kopenħagen[1]
17:30 – 19:15	laqgħa ma' l-**NGOs li fl-2006 ressqu appell quddiem il-Kumitat LIBE** (post: uffiċċju tal-Parlament Ewropew[2])
19:15 – 19:30	transfer bil-kowċ lejn il-lukanda Kong Frederik Copenhagen[3] u reġistrazzjoni fil-lukanda
Ċena inkluża	

Il-Ġimgħa, il-11 ta' April 2008	
08:30 – 9:10	transfer bil-kowċ lejn Sandholm (bejn wieħed u ieħor 25km 'il bogħod minn Kopenħagen)

[1] Europa-Parlamentet, Informationskontoret i Danmark, Europa-Huset, Gothersgade 115, DK-1123 København K, telefown +45 / 33 14 33 77, faks +45 / 33 15 08 05
[2] Europa-Parlamentet, Informationskontoret i Danmark, Europa-Huset, Gothersgade 115, DK-1123 København K, telefown +45 / 33 14 33 77, faks +45 / 33 15 08 05
[3] 25 Vester Voldgade, 1552 Kopenħagen, Danimarka, Telefown: (+45) 3321 5902, http://www.nphotels.dk/kongfrederik/index.htm

9:10 – 11:30	żjara fiċ-**ċentri ta' Sandholm**[1] (iċ-Ċentru ta' Sandholm għal dawk li jfittxu l-asil u ċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Sandholm għall-Barranin) • *Iċ-Ċentru ta' Sandholm għal dawk li jfittxu l-asil huwa l-ikbar ċentru ta' asil fid-Danimarka, u dan huwa wkoll il-post fejn dawk li jfittxu l-asil imorru hekk kif jaslu fid-Danimarka. L-amministrazzjoni tiegħu hija f'idejn l-Għaqda tas-Salib l-Aħmar fid-Danimarka, li taqa' taħt ir-responsabiltà tal-Ministeru għar-Rifuġjati, l-Immigrazzjoni u l-Integrazzjoni.* • *Iċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Sandholm għall-Barranin huwa l-uniku ċentru ta' detenzjoni magħluq li hemm fid-Danimarka. L-amministrazzjoni tiegħu hija f'idejn il-Ministeru għall-Ġustizzja. Iċ-Ċentru ta' Detenzjoni jesa' 118-il persuna.* Id-delegati mill-ewwel jirċievu informazzjoni ġenerali dwar ix-xogħol fil-qasam ta' l-asil. Wara ssir żjara fiċ-ċentru, kif ukoll żjara fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni.
11:30 – 12:10 12:10 – 13:20	transfer bil-kowċ sal-kwartieri ta' l-Għaqda tas-Salib l-Aħmar f'Kopenħagen, ikla ta' nofsinhar organizzata mill-Għaqda tas-Salib l-Aħmar (post: il-kwartieri ta' l-Għaqda tas-Salib l-Aħmar [2])
13:20 – 13:40	transfer bil-kowċ lejn il-Ministeru għar-Rifuġjati, l-Immigrazzjoni u l-Integrazzjoni[3]
13:40 – 14:00 14:00 – 15:00	reġistrazzjoni fil-Ministeru għar-Rifuġjati, l-Immigrazzjoni u l-Integrazzjoni **laqgħa mas-Sur Claes NILAS**, Segretarju Permanenti tal-Ministeru għar-Rifuġjati, l-Immigrazzjoni u l-Integrazzjoni
15:00 – 15:45	transfer lejn iċ-**Ċentru ta' Kongelunden** viċin l-ajruport ta' Kopenħagen *(ċentru miftuħ immexxi mill-Għaqda tas-Salib l-Aħmar fid-Danimarka)*
15:45 – 17:45	żjara fiċ-ċentru ta' Kongelunden, segwita minn **laqgħa ma' l-Għaqda tas-Salib l-Aħmar**
17:45 – 18:15	kowċ sa l-ajruport, titjira proposta: SN 2264 minn Kopenħagen għall-Brussell, 19:30 - 21:05

Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkuntattja lil

Ana DUMITRACHE
Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

E-mail ana.dumitrache@europarl.europa.eu

[1] Center Sandholm, Dansk Røde Kors Center Sandholm, Sandholmgårdsvej, 3460 Birkerød, Denmark, Telefown +45 48 10 77 00
[2] H.C. Örstedsvej 47, Frederiksberg
[3] Holbergsgade 6, 1057 Copenhagen K

Anness 3

Lista ta' organizzazzjonijiet li kienu preżenti waqt il-laqgħa mad-delegazzjoni tal-LIBE nhar l-10 ta' April 2008

SOS Against Racism, Denmark SOS mod Racisme, Medborgerhuset, Nørre Allé 7, 2200 København N. Denmark.	**Anne Nielsen** President
Lawyers' Association for Asylum and Immigration Law Advokatkontoret, Falkoner Allé 7, 1. sal. 2000 Frederiksberg, Denmark	**Helge Nørrung** Kelliem
Asylum Now Asyl-Nu	**Gerd Gottlieb** Kelliem
Grandparents for asylum Bedsteforældre for asyl	**Inga Axelsen** Kelliem **Najeb Haddar** **Emine Haddar** **Kis Kapel**
Danish Refugee Council Dansk Flygtningehjælp Borgergade 10 1300 København K. Denmark.	**Nina Lassen** Konsultenta Legali Għolja Ażil u Ripatrijazzjoni
The Refugees Underground Committee Flygtninge Under Jorden	**Michala Clante Bendixen** Persuna ta' riferiment (*contact person*)
The Friends of Nura Nuras venner **The Rights of All Children** Alle børns rettigheder	**Mogens Fischermann** President Kelliem
Bente Rich Persuna li tispeċjalizza fil-Psikjatrija tat-Tfal	
Save the Children Denmark Red Barnet Rosenørns Allé 12 1634 København V. Denmark	**Inger Neufeld** Koordinatur tal-proġett

Citizens for a Decent Denmark Borgere for et Anstændigt Danmark	**Amila Jasarevic** Membru tal-Grupp ta' Koordinazzjoni
The Parsons' initiative Præsteinitiativet c/o Bodil Hindsholm Hansen Udbynedervej 16, 8970 Havndal, Denmark	**Niels Nymann Eriksen** Kappillan
Amnesty International **Dansk Afdeling/Danish Section** Gammeltorv 8, 5 sal 1457 København K. Denmark	**Lisa Blinkenberg** Koordinatur Internazzjonali
The Danish Immigrant Counselling Indvandrerrådgivningen Vesterbrogade 14 butikken DK-8000 Århus C	**Leif Randeris** President
Network of ethnic minority women, Henna Kvindenetværket Henna	**Uzma Andresen** President
Documentation and Advisory Center On Racial Discrimination Dokumentations- og Rådgivningscentret om Racediskrimination Medborgerhuset, Nørre Allé 7, 2. sal. 2200 København N. Denmark	**Kirsten Schalburg** Membru tal-bord
Committee for Ethnic Equality Foreningen for Etnisk Ligestilling	**Joakim Wange Larsson** Membru, li ssostitwixxa lill-President, Halima El Abassi
Institute for Human Rights Institut for menneskerettigheder Strandgade 56 1401 Copenhagen K	**Lisbeth Garly Andersen** **Kim Kjær** Riċerkaturi
Voice for asylum	**Sameer Algamal**